24 ta' Frar, 1947.

**Imhallef:**

L-Onor. D. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Roger Wiemayer

**Lokazzjoni — Kera Oghla mill-"Provisional Fair Rent" — Piena — Art. 4 (5) ta' l-Ordinanza XVI ta' l-1944, u art. 23A tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-anqas piena preskritta mil-liġi kontra min jikri fond ghall-abitazzjo-*

*ni b'kera ogħla mill-"provisional fair rent" kif stabbilit mill-liġi (Ord. XVI ta' l-1944), hija dik ta' £40. Jekk tikkundanna lill-ħati għal piena iżgħar, il-Qorti tkun applikat piena differenti fil-kwantità minn dik li hija komminata mill-liġi.*

*Biex tiġi applikata piena iżgħar hemm bżonn li jikkonkorru raġunijiet speċjali li jiġġustifikaw lill-Qorti tapplika l-art. 23A. tal-Liġijiet Kriminali, biex il-Qorti tkun tista' tagħti piena anqas mill-minimum—kif ġara f'dan il-każ.*

Fuq l-imputazzjoni illi mid-9 ta' Awissu 1945 sat-8 ta' Awissu 1946 kera post ("dwelling house") no. 24, Cospicua Street, Cospicua, lil Giuseppe Gauci, b'kera ogħla mill-"provisional fair rent" kif stabbilit bl-Ordinanza XVI ta' l-1944, u ogħla minn dak li l-post kien iġib fil-31 ta' Marzu 1939, u barra minn dan, matul l-istess żmien bid-dehen irċieva u daħħal minn għand l-istess Giuseppe Gauci dan il-kera għoli, l-imsemmi Wismayer, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-4 ta' Jannar 1947 ġie misjub ħati u kundannat għall-multa ta' £3, bl-ordni illi l-kundanna ma titniżżelx fil-"conviction sheet";

Minn din is-sentenza appellat il-Prosekuzzjoni, limitatament għall-piena;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-kwistjoni devoluta lil din il-Qorti b'dan l-appell tal-Prosekuzzjoni hi biss dik tal-piena. Il-meritu għadda ġudikat, u din il-Qorti ma tistax tidħol fih aktar;

Ma hemmx dubju illi fl-art. 4 (5) ta' l-Ordinanza XVI ta' l-1944, li jolqot dan il-każ, il-liġi tgħid li l-anqas piena ta' flus li għandha tingħata tkun ta' £40;

Issa l-Maġistrat ma applikax l-art. 23A. tal-Kodiċi Kriminali; għaliex, apparti li anqas biss dan l-artikolu ma hu ċitat fis-sentenza, huwa ċert li ma hemmx fiha msemmija xi raġunijiet speċjali u straordinarji, kif jeħtieġ li jissemmew espressament skond il-liġi, li setgħu jawtorizzaw lill-Qorti tniżżel il-piena taħt il-minimum;

*Għalhekk, la l-minimum b'liġi hu ta' £40, u la l-Qorti* t'Isfel ma ddikjaratx li sabet raġunijiet speċjali u straordinarji għall-applikazzjoni ta' l-art. 23A., il-piena applikata mill-Ewwel Qorti hi, fil-kwantità, differenti minn dik li tikkommina l-liġi; u l-appell tal-Prosekuzzjoni hu sewwa;

Konsegwentement din il-Qorti għandha tgħaddi biex tara hija liema piena tagħti skond il-liġi;

Kif ingħad, 'l-multa irrogabili hi minn £40 sa £200;

Issa anki bl-appell limitat kif inhu, ċjoè għall-kwistjoni tal-piena, din il-Qorti tista' u għandha dejjem tara jekk jikkonkorrux raġunijiet speċjali u straordinarji biex il-piena titbaxxa taħt il-minimum preskritt, għaliex fl-irrogazzjoni tal-piena l-indaġini tal-piena adegwata hi duplici: l-ewwel, jekk hemmx raġunijiet biex il-piena titniżżel taħt il-minimum, u l-oħra, f'każ affermativ jew negativ, x'għandha tkun il-piena;

Wara li din il-Qorti semgħet, għall-finijiet ta' din l-indaġini, il-provi, u wara li eżaminat l-inkartament tal-proċess quddiem il-Board tal-Kera, jidhrilha illi jista' jkun illi l-appellant kien taħt l-impressjoni illi l-"provisionally established fair rent" kien tad-dar "bla" kantina, peress li d-dikjarazzjoni fil-Land Valuation Office kienet saret mhux mill-appellant, imma minn missier l-appellant. L-iżball, s'intendi, ma kienx invinċibili, imma jinfluwixxi fuq il-grad tal-"mens rea". Il-kantina kienet, qabel, tinkera għaliha, b'bieb separat, mentri lil Garci nkriet id-dar bil-kantina magħha;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, fis-sens li tiddikjara żbaljata fil-kwantità tagħha l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, li tagħha l-minimum hu ta' £40; iżda, stante r-raġuni fuq indikata speċjali u eċċezzjonali, wara li rat l-art. 23A., tagħti lill-appellant, minflok il-piena lilu mogħtija mill-Ewwel Qorti, il-piena tal-multa ta' £20, titħallas żmien xahar mil-lum.

---